MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 649/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Jade Jones ID Nru. 446284 (M)**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ***Jade Jones***, ta' 29 sena, bint missier mhux maghruf u Marisa Jones, imwielda nhar is-6 ta' Settembru, 1984, gewwa l-

Pieta`, residenti Harrow Flats, Flat 5, Triq Turu Rizzo, Gzira u detentrici tal-karta tal-Identita' bin-numru 446284M;

1. Akkuzata talli nhar it-12 ta' Lulju, 2014 gewwa dawn il-Gzejjer, gewwa il-Luna Park, Manoel Island, Gzira ghall-habta ta' 2120hrs, ikkommetiet serq ta' wallet u flus kontanti ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, ghad-detriment ta' Albana Laura Brissonneau detentrici tal-passaport Francis bin-numru 051117300495 u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akwistati b' reat, u/jew xjentement b' kull mod indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-akkuza;

Rat il-Ligi senjatament tal-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279 (a) u 334 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzata;

Semghet lis-social worker Vicky Scicluna;

Fhemet ic-cirkostanzi kollha, fhemet li l-akkuzata ghandha bzonn mill-aktar fiss possibbli assistenza sabiex ma tergax taqa ghal vizzju illi kellha precedentement u harget minnha. Fhemet li l-oggetti kollha minnha misruqa gew ritornati lil vittmi u kkollaborat mal-Pulizija.

Fic-cirkostanzi, filwaqt li ssib lill-akkuzata hatja fuq l-ewwel akkuza fuq ammissjoni, tordna li l-akkuzata titqieghed taht ordni ta' supervizzjoni minn *probation officer* a tenur ta' l-Art. 7 tal-Kap 446 u dana ghal perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------